MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 394/1994/1

**Marianna w Lorenza Spiteri.**

**vs.**

**Patri Raymond Camilleri fil-kwalita` tieghu ta' Provincjal tat-Terz Ordni Frangiskan sive Ordni Frangiskan Sekular taht l-Ubbidjenza tal-Patrijiet Frangiskani Minuri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess u b'digriet tas-17 ta' Frar 1997 gie kjamat in kawza Joseph Deguara**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:-

Illi huma proprjetarji tal-fond ossija ta' dar, gnien u knisja annessa maghha dedikata lis-Sinjura Sultana tal-Qalb Mqaddsa ta' Gesu' maghrufa popolarment bhala Tas-Sinjura fi Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun.

Illi l-awtur ta' l-atturi, Carmelo Spiteri, akkwista l-proprjeta` fuq imsemmija permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Marzu 1977 hawn anness u mmarkat dokument 'A' fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona ;

Illi Carmelo Spiteri miet fis-6 ta' April, 1991 u s-successjoni tieghu ddevolviet fuq l-atturi w il-mejjet huhom Joseph permezz ta' testment tal-11 ta' April 1990 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone hawn anness u mmarkat dokument 'B' ;

Illi fil-fuq imsemmi testment Carmelo Spiteri halla b'titolu ta' legat lit-Terz Ordni Frangiskan il-Knisja fuq imsemmija bl-affarijiet kollha li hemm fiha w innomina bhala eredi tieghu l-atturi w il-mejjet huh Joseph Spiteri;

Illi l-mejjet Joseph Spiteri miet fis-6 ta' Jannar 1994 u s-successjoni tieghu ddevolviet fuq l-atturi skond testment tal-21 ta' April 1972 fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi hawn anness u mmarkat bhala dokument 'C' ;

Illi l-imsemmi Carmelo Spiteri kien ipprezenta citazzjoni fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Cit. Nru. 814/77 (JF) fl-ismijiet **'Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara'** li giet deciza fl-20 ta' Lulju, 1984 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-attur illi l-oggetti kollha li kienu jinsabu fil-knisja tas-Sinjura kellhom jigu ritornati lil Carmelo Spiteri w dan skond il-lista ta' l-oggetti elenkati fid-dokument immarkat dokument 'D1' – 'D6' ma' din ic-citazzjoni;

Illi sar appell minn din is-sentenza w fil-mori tal-appell intlahqet transazzjoni bejn l-atturi odjerni f'din il-kawza u Joseph Deguara u dan kif jirrizulta mill-atti processwali tac-citazzjoni fuq imsemmija;

Illi fil-mori tal-appell stante t-transazzjoni l-oggetti mobbili skond id-dokument 'D1' – 'D6' gew moghtija lill-legatarji tal-mejjet Carmelo Spiteri w cioe' l-konvenut *nomine* u sussegwentement il-kawza fuq imsemmija citaz. Nru. 814/77 (JF) fl-ismijiet **'Carmelo Spiteri vs Joseph**

**Deguara’** giet ceduta fil-Qorti ta’ l-Appell fis-26 ta’ Gunju 1991;

Illi b’digriet numru 1350/91 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa w immarkata bhala dokument ‘E’ l-konvenuti nomine rrinunzjaw ghall-istess legat imholli minn Carmelo Spiteri.

Illi b’din ir-rinunzja l-proprjeta` tal-Knisja tas-Sinjura bl-oggetti taghha kollha skond id-dokument ‘D’ esebit irrevertew f’idejn l-atturi ;

Illi minkejja l-konvenut *nomine* gie interpellat biex jirritorna l-oggetti mobbili tal-Knisja tas-Sinjura fi Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun pero’ baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-atturi, prevja kwalsiasi dikjarazzjonijiet necessarji u opportuna, talbu l-ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara w tiddecidi illi l-oggetti mobbli kollha kif elenkati fid-dokument ‘D1’ – ‘D6’ hawn anness huma proprjeta` tal-atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* biex jirritornaw fi zmien qasir u perentorju l-oggetti kollha skond id-dokument ‘D1’ – ‘D6’ li jappartjenu lill-Knisja dedikata lis-Sinjura Sultana tal-Qalb Mqaddsa ta’ Gesu` maghrufa popolarment bhala Tas-Sinjura fi Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun, proprjeta` tal-atturi;

3. Fin-nuqqas tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-atturi l-valur tal-oggetti skond id-dokument ‘D1-D6’ li ghandu jigi stabbilit minn din il-Qorti jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ April 1993 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 4 et seq. tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fis-27 ta' April 1994 a fol. 28 tal-process ipprezentata mill-konvenut nomine li permezz taghha eccepixxa:-

1. Preliminarjament :

a. Il-persuna citata hu l-Ministru Provincjali tal-Patrijiet Frangiskani Minuri ta' Malta u mhux 'Tat-Terz Ordni Frangiskan sive Ordni Frangiskan Sekulari taht l-Ubbidjenza tal-Patrijiet Frangiskani;

b. In-nullita` tad-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni (u kwindi ta' l-istess citazzjoni) peress li min halef id-dikjarazzjoni ma ddikjarax li hu jew hi personalment jaf il-fatti dikjarati kif jirrikjedi **r-regolament 11(6) ta' l-Avviz Legali numru 35/1993;**

c. L-eccepjenti jistenna l-prova li l-atturi kkonformaw ruhhom mal-provvediment ta' l-**artikolu 39 tal-Kap. 239** (dan il-Kap. gie revokat bl-**Att XVII ta' l-1993**) izda bla hsara ghat-trasferimenti *causa mortis* qabel il-25 ta' Novembru 1992);

d. Id-domandi, kif proposti, huma nsostenibbli billi mkien fic-citazzjoni ma jinghad (u lanqas ma hemm domanda deklaratorja ghal dan l-iskop) li l-oggetti mobbli kollha elenkati fid-dokument 'D1'-'D6' esebit mac-citazzjoni ghadhom jinstabu fil-pussess ta' l-eccipjenti *nomine*.

2. Fil-meritu : Mhux minnu li l-atturi huma proprjetarji tal-Kappella tal-Madonna tas-Sinjura fi Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun, billi din il-Kappella hi proprjeta` ekklezjastika kif spjegat fl-annessa dikjarazzjoni. Bla hsara ta' dan, izda, l-eccipjenti *nomine* m'ghandux interess fil-kawza billi l-enti konvenut qatt ma gie immess fil-pussess tal-hekk imsejjah legat imholli minn Carmelo Spiteri u, ghal kull *buon fini*, formalment irrinunzja ghalih b'nota pprezentata fis-Sekond' Awla ta' din l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Dicembru 1991 (Digriet Numru 1350/91) u l-oggetti mobbli li ghalihom saret l-istanza ma jinstabux fil-pussess ta' l-eccipjenti *nomine.*

Ghalhekk l-eccipjenti *nomine* ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut nomine kif ukoll il-lista tax-xhieda li jinsabu esebiti a fol. 29 u 30 rispettivament tal-process;

Rat ir-rikors tal-25 ta' Settembru 1996 ipprezentat mill-atturi fejn talbu l-kjamat in kawza ta' Joseph Deguara.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Frar 1997 fejn din il-Qorti wara li kkunsidrat illi Joseph Deguara jista jkollu interess fil-kawza, tordna l-kjamata tieghu fil-kawza.

Rat l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Joseph Deguara a fol. 70 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi huwa ghandu fil-pussess tieghu l-oggetti elenkati fil-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok 'JD1' u m'ghandux iktar oggetti f'idejh;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal permess, l-atturi jridu jgibu prova li huma legalment intitolati ghall-imsemmi affarijiet billi l-Kurja qieghda tivvanta pretenzjonijiet fuq l-istess oggetti li huma ekklezjastici u konsegwentement huma *extra cummercium* izda b'dana kollu l-esponenti m'ghandu ebda oggezzjoni li dawn l-oggetti jigu kunsinnjati lil parti jew lil l-ohra;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, qabel ma gie notifikat bic-citazzjoni odjerna, l-esponenti qatt ma gie mitlub li jikkunsinnja l-imsemmija oggetti lil xi hadd u ghalhekk huwa m'ghandu jbaghti ebda spejjez.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess kjamat in kawza kif ukoll il-lista tax-xhieda li jinsabu esebiti a fol. 71 tal-process;

Rat il-verbali tal-24 ta' Jannar, 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-1 ta' Ottubru 2002, tal-1 t'Ottubru 2002 u tat-30 ta' Ottubru fejn peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Frar 2003.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. PROVI DOKUMENTARJI

Illi gie esebit a fol. 7 tal-process u mmarkat bhala Dok. 'A' kuntratt ta' bejgh datat 28 ta' Marzu 1977 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona maghmul mill-familja Apap Bologna lil Carmelo Alberto Spiteri. B'dan il-kuntratt Carmelo Spiteri akkwista korp ta' bini z-Zejtun konsistenti f'kamra numru disgha u sittin (69), u *store* numru sebghin (70) Saint John Street, soggetti flimkien bil-giardinetta annessa maghhom ghal tlieta u tmenin centezmu u tliet millezmi (83c3) cens fis-sena w in perpetwu pagabbli lil Joseph Spiteri li joqghod numru sebgha u hamsin (57), Luqa Briffa Street, Zejtun u hanut numru mitejn u erbatax (214), hanut iehor konsistenti f'kamra numru mitejn u hmistax (215) u dar bi knisja u gnien annessa maghha numru mitejn u sittax (216) Our Lady of Mercy Street, kollox *tale quale* bid-drittijiet u obbligi u pertinenzi taghhom kollha.

Illi Dok. 'B' a fol. 11 tal-process huwa testment datat 11 ta' April 1990 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone fejn it-testatur Carmelo Spiteri halla b'titolu ta' legat lit-Terz Ordni Frangiskan (kif qed issejjah illum Ordni Frangiskan Sekular) taht l-Ubbidjenza tal-Patrijiet Frangiskani Minuri in pjena proprieta` l-Knisja tal-Madonna tas-Sinjura fi Triq il-Madonna tal-Hniena fiz-Zejtun … bl-affarijiet mobbli kollha li hemm fiha. L-eredi universali proprjetarji assoluti ta' Carmelo Spiteri huma hutu Lorenza, Giuseppi u Marianna fi kwoti ndaqs bejniethom bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.

Illi Dok. ‘C’ a fol. 13 tal-process huwa testment datat 21 ta’ April 1972 fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi fejn it-testatur Giuseppe Spiteri nnomina w istitwixxa eredi universali proprjetarji u padruni ta’ gidu kollu lil hutu li jkunu ghadhom hajjin u jkunu ghadhom xebbiet jew guvintur fil-gurnata tal-mewt tieghu minn dawn hawn taht imsemmija u cioe’: Carmelo (haddiem mal-Gvern), Carmelo (mastrudaxxa), Lorenza, Maria Anna, Rita u Antonia.

Illi Dok ‘ D1’ sa Dok. ‘D6’ huma lista ta’ oggetti li kienu jinsabu fil-Knisja tas-Sinjura.

Illi a fol. 22 tal-process hemm esebita Nota ta’ Patri Gorg Aquilina f’isem u ghan-nom tat-Terz Ordni Frangiskan (kif qed issejjah illum Ordni Frangiskan Sekular) taht l-Ubbidjenza tal-Patrijiet Frangiskani Minuri kif debitament awtorizzat. Permezz ta’ din in-nota l-istess Patri Gorg Aquilina fil-kwalita` tieghu premessa rrinunzja ghall-istess legat izda rrizerva d-dritt li jekk kemm-il darba l-Awtoritajiet Ekklezjastici jemmnu li din il-Knisja ghandha tinghata lil xi hadd, hu jkun lest li jaccetta l-istess legat.

Illi Dok. ‘MS 1’ a fol. 34 *et seq.* tal-process hija denunzja tal-proprjeta` taxxabbli ta’ Carmelo Spiteri.

Illi a fol. 80 tal-process hemm esebita nota tal-kontendenti fil-kawza fl-ismijiet **‘Carmelo Alberto Spiteri vs Joseph Deguara’** li kienet pendenti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell u li permezz taghha l-atturi rrinunzjaw ghall-effetti tas-sentenza moghtija fil-Prim’ Istanza f’din il-kawza filwaqt li l-konvenut ceda l-atti ta’ l-appell, u dan stante transazzjoni fil-mori u stante illi l-oggetti mobbli gew konsenjati lil legatarji ta’ Carmelo Alberto Spiteri.

## III. PROVI

Illi xehed **Patri George Aquilina** li qal illi r-rinunzja li huwa kien ghamel fis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kienet wahda *‘totali ghall-legat shih jigifieri komprendenti anki l-beni immobbiljari u mobbiljari’*. Jghid ukoll illi t-terz ordni ma tax l-affarijiet elenkati fid-Dok. ‘D1’ sa ‘D6’ lill-atturi odjerni. Jghid pero` illi dawn l-affarijiet hallihom f’idejn Dr. Paul

<u>Mallia l-avukat ta’ fiducja taghhom</u>. Fl-affidavit tieghu mbaghad dan ix-xhud jghid illi Joseph Deguara qatt ma ta l-oggetti elenkati fid-Dok ‘D’ lit-Terz Ordni Frangiskana. Jghid pero illi huwa kien ikkunsenja lill-Assessur tal-Kurja Arciveskovili (Dr. Mallia) dak kollu *‘li kien fil-pussess taghna u cioe somma flus ta’ Lm1002.88,4, affarijiet tal-metal isfar inventarjati fil-lista ta’ J. Azzopardi Jewellery ta’ 164, Triq Santa Lucija, Valletta. Oltre l-oggetti ndikati fil-lista kien hemm salib zghir b’labra u curkett irqiq hafna b’fossa ta’ kulur roza ; kif ukoll karti rapprezentanti dokumenti relattivi ghall-Kappella tas-Sinjura. Il-muftieh u cwievet tal-Kappella gew moghtija lill-atturi’.*

Illi xehdet **Marianna Spiteri** permezz ta’ affidavit li jinsab esebit a *fol. 53 et seq*. tal-process. Hija tghid li hija w ohtha Lorenza Spiteri huma l-werrieta ta’ Carmelo Spiteri u dan skond testment datat 11 ta’ April 1990 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone. Flimkien maghhom kien hemm werriet iehor u cioe` huhom Joseph Spiteri izda dan hallihom werrieta tieghu u dan skond testment datat 21 ta’ April 1972. Tghid ukoll illi huha Carmelo Spiteri kellu dar u gnien maghrufa bhala ‘Tas-Sinjura’ fi Triq il-Madonna tal-Hniena goz-Zejtun, liema dar kellha kappella maghha, liema proprjeta` kienet giet akkwistata permezz ta’ kuntratt datat 28 ta’ Marzu 1977 fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona. Tghid ukoll illi skond sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Lulju 1984 fil-kawza fl-ismijiet **‘Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara’** (Cit. Nru. 814/77 JF) il-Qorti kienet laqghet it-talba ta’ l-attur sabiex jigu ritornati lilu l-oggetti kollha elenkati fid-dokument immarkat bhala Dok ‘D1’ sa ‘D6’ mac-citazzjoni odjerna.

Illi l-istess xhud tkompli tghid illi meta t-Terz Ordni Frangiskan irrinunzjaw ghall-legat imholli lilhom minn Carmelo Spiteri dan irriverta lilha u lill-ohta, atturi f’din il-kawza.

Illi finalment tghid illi l-oggetti elenkati fid-dokument ‘D1’ sa ‘D6’ ghadhom ma gewx ritornati u li dawn jinsabu fil-pussess tat-Terz Ordni Frangiskan.

Illi xehed il-**kjamat in kawza** li qal illi huwa kien ittransiga kawza li kienet pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **'Carmelo Alberto Spiteri vs Joseph Deguara'** fis-26 ta' Gunju 1991 u f'dik it-transazzjoni huwa kien obbliga ruhu li jikkonsenja l-oggetti in kwistjoni lit-Terz Ordni Frangiskana. Jghid illi huwa kien ikkonsenja xi oggetti minnhom pero' ghad fadallu xi affarijiet li jinsabu elenkati a fol. 72 tal-process.

Illi xehed il-**Vigarju Generali**, illum l-**Eccelenza Tieghu l-Isqof Awziljarju Monsinjur Annetto Depasquale**, li fl-affidavit tieghu jghid illi l-atturi ma humiex korretti fl-assunzjoni taghhom illi huma proprjetarji tal-Knisja dedikata lis-Sinjura Sultana tal-Qalb Mqaddsa ta' Gesu`, fi Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun. Jghid illi din il-knisja, bit-testment tan-Nobildonna Margherita dei Conti Manduca, saret proprjeta` ekklezjastika, Knisja ta' guspatronat lajkali, enti kanoniku guridiku bid-dritt li jippossjedi. Jghid illi l-knisja ta' guspatronat lajkali eretta minn Nobildonna Margherita dei Conti Manduca hija oggett sagru. Jghid ukoll illi jidher car illi *"l-eredi tal-fondatrici ma kellhomx id-dominju jew proprjeta' tal-knisja msemmija f'dan il-kuntratt, li hi l-istess knisja eretta minn Nobildonna Margherita dei Conti Manduca, izda biss il-guspatronat fuqha. Ghalhekk, l-eredi ma setghux jghaddu lil haddiehor dritt ta' proprjeta' fuq il-knisja 'annessa' mal-fond f'Our Lady of Mercy Street, Zejtun, izda biss, mal-proprjeta` tal-fond, id-dritt ta' guspatronat fuq il-knisja li huma kienu jgawdu bhala possessuri ta' l-istess fond'.*

Illi in kontro-ezami l-**Vigarju Generali**, illum l-**Eccellenza Tieghu l-Isqof Awziljarju Monsinjur Annetto Depasquale** jghid illi '*kulmin huwa l-pussessur tad-dar li hemm hdejn il-kappella ghandu d-dritt tal-'jus patronat' fuq din il-kappella'.* Jghid ukoll illi meta kien jitkellem mal-persuni legali tal-atturi, qatt hadd ma qallu li *'kienu qeghdin jikkontestaw id-dritt tal-proprjeta` tal-knisja fuq dina l-kappella'.*

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI U FATTWALI

Illi din il-kawza hija miexja flimkien mal-kawza fl-ismijiet '**Vincent E. Ciliberti vs Marianna Spiteri et'** (Cit. Nru. 1791/00RCP) li qeghda ghas-sentenza ghall-lum stess.

Illi jirrizulta wkoll illi b'sentenza tal-20 ta' Lulju 1984 fil-kawza fl-ismijiet **'Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara'** (P.A. (J.F.) Cit. Nru. 814/77) il-konvenut Joseph Deguara, li huwa wkoll kjamat fil-kawza f'din il-kawza odjerna, kien gie kkundannat jirritorna l-oggetti kollha li kienu jinsabu fil-knisja tal-Madonna tas-Sinjura fi Triq il-Madonna tal-Hniena fiz-Zejtun. Pero' b'nota tas-26 ta' Gunju 1991 il-kontendenti fil-kawza hawn fuq citata, kienu cedew l-appell relattiv u dan stante illi l-oggetti mobbli gew konsenjati lill-legatarji ta' Carmelo Alberto Spiteri, li huma l-konvenuti odjerni.

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta illi l-kjamat in kawza Joseph Deguara ammetta fix-xhieda tieghu li ghad fadallu xi affarijiet illi ghadhom fil-pussess tieghu. Ammetta wkoll li ghad fadallu xi affarijiet fl-eccezzjonijiet tieghu.

Illi min-naha l-ohra xehed Patri George Aquilina fejn l-ewwel qal li l-istess oggetti gew ikkonsenjati lill-istess Ordni mill-kjamat fil-kawza skond kif inghad fin-nota tal-kontendenti fil-kawza citata **'Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara'** datata 26 ta' Gunju 1991, imma wara fl-affidavit tieghu qal illi huwa qatt ma kien inghata l-oggetti kif elenkati fid-Dok. 'D' mill-konvenut kjamat in kawza Joseph Deguara, izda biss parti minnhom, u li l-istess Ordni kienet ikkonsenjat dak li kellha lill-Avukat Dr. Paul Mallia kemm bhala l-avukat ta' fiducja taghhom u wkoll bhala Assessur tal-Kurja Arciveskovili.

Illi fil-fatt l-istess xhud jghid :-

'*li kien fil-pussess taghna u cioe' somma flus ta' Lm1002.88,4, affarijiet tal-metal isfar inventarjati fil-lista ta' J. Azzopardi Jewellery ta' 164, Triq Santa Lucija, Valletta kif ukoll xi salib zghir b'labra u curkett irqiq hafna b'fossa ta' kulur roza u xi karti rapprezentanti dokumenti relattivi ghall-Kappella tas-Sinjura'.*

Illi ghalhekk mid-dokumenti esebiti mill-atturi jirrizulta illi l-atturi huma l-werrieta ta’ Carmelo Spiteri u dan skond testment datat 11 ta’ April, 1990 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone. Flimkien maghhom kien hemm werriet iehor u cioe` huhom Joseph Spiteri. B’testment datat 21 ta’ April, 1972 dan Joseph Spiteri halla liz-zewg atturi werrieta tieghu.

Illi ghalhekk ma ghandux jkun hemm dubju illi l-oggetti li kienu jinsabu fil-knisja tal-Madonna tas-Sinjura fi Triq il-Madonna tal-Hniena fiz-Zejtun huma proprjeta` tal-atturi, u dan jirrizulta kemm mid-dokumenti esebiti, kemm mix-xhieda prodotta f’din il-kawza, kif ukoll kemm mis-sentenza stess ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **‘Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara’** deciza fil-20 ta’ Lulju 1984, (li l-attur f’dik il-kawza kien irrinunzja ghall-effetti taghha stante transazzjoni ma’ dak iz-zmien konvenut), u kif ukoll mix-xhieda prodotta fl-istess kawza fuq citata, li brani minnha gew ikkwotati fis-sentenza tal-lum stess fl-ismijiet **‘Vincent Ciliberti *nomine* *vs.* Marianna Spiteri et’** (Citaz. Numru 1791/2000/RCP) li ghalihom qed issir riferenza.

Illi fost l-istess xhieda hemm ikkwotata hemm dik ta’ **Alexander Apap Bologna** moghtija fis-seduta tal-14 ta’ Frar 1978 fil-kawza li l-process taghha jinsab anness ma’ dan il-process fl-ismijiet **‘Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara’** meta a fol. 24 tal-istess process sostna:-

*‘Jiena, fost il-proprjeta’ tal-familja tieghi, kelli il-proprjeta’ tad-dar bil-gnien u knisja, u adjacenzi ohrajn li kienu jaghmlu mal-istess fond’.*

*‘Nghid li meta jiena bieghet il-proprjeta’ tal-knisja, li din kienet armata b’kollox, u t-trasferiment* (lil Carmelo Spiteri) *jiena ghamiltu b’kollox’.*

Illi fl-istess att processwali appena riferiti hemm ix-xhieda wkoll ta’ **Dun Guzepp Scerri** moghtija minnu fl-istess data fejn dan sostna:-

*'Jiena fil-knisja ma kont nikkmanda xejn u kont immur biss biex inqaddes, inqarar, u niehu hsieb il-funzjonijiet religjuzi. Il-Knisja kienet tal-familja Apap Bologna. Jiena ili nattendi din il-Knisja, ghall-iskopijiet kif ghidt, ghall-erbatax (14), hmistax (15) il-sena'.*

Illi x-xhieda ta' **Anthony Galea** bhala *Housing Officer fil-Housing Department* moghtija minnu fit-12 ta' Novembru 1982 jghid:-

*'Jiena Housing Officer fil-Housing Department. Jirrizultali mir-records tal-ufficcju illi fis-17 ta' Dicembru 1964 kienet harget 'Requisition Order' fuq il-fond li allura kellu n-numru 195/196 Our Lady of mercy Street, Zejtun. Jirrizulta li ma' dan il-fond kien hemm annessa kappella. Allura s-sid kien il-Markesin Apap Bologna u l-amministratur tal-post kien ir-Rev. Apap Bologna'.*

Illi kif inghad b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta **'Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara'** datata 20 ta' Lulju 1984, limitata bhala mertu ghall-oggetti li kienu jinsabu fl-istess kappella, meta l-awtur tal-konvenuti istitwixxa kawza kontra l-kjamat fil-kawza odjern Joseph Deguara sabiex jigu ritornati l-istess oggetti lill-awtur tal-konvenuti, l-istess Qorti diversament presjeduta wara li rreferiet ghall-kuntratt fl-atti tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona datat 28 ta' Marzu 1977, u fuq citat, u stabbiliet it-titolu tal-attur f'dik il-kawza, (u tal-awtur tal-konvenuti f'din il-kawza) u wara li citat il-bran tax-xhieda, hawn ukoll fuq citat ta' **Alexander Apap Bologna,** kienet qalet li:-

*'Ma hemmx dubju ghalhekk dwar il-fondatezza tat-talbiet attrici. Wiehed jista' jissimpatizza xi ftit mal-konvenut, izda minn punto di vista legali huwa ma ghandu ebda dritt li jimpedixxi lill-attur milli jiehu dak illi sar tieghu'.*

Illi f'dan ir-rigward hemm ix-xhieda ta' **Dr. Paul Mallia** moghtija minnu fl-istess kawza fil-kors tal-appell tal-process anness ma' din il-kawza, u dan fl-20 ta' Novembru 1989 moghti fil-kuntest tat-tahrika tax-xhieda li kienet saret sabiex dak iz-zmien **Monsinjur Annetto**

**Depasquale jew rapprezentant tieghu** jixhed dwar *'l-amministrazzjoni tal-knisja 'Del Sacro Cuore' di Gesu' … u dwar il-hatra ta' ekonomu fl-atti tal-istess testment'* u l-istess xhud qal:-

*'Ghandi nghid rigward il-mistoqsijiet li saru fl-ingunzjoni tax-xhieda illi qatt ma kien hemm talba ghall-erezzjoni kanonika in kwistjoni u kwindi ma kienx hemm ekonomu mill-Isqof sal-lum. Jekk ikun hemm talba ghan-nomina, dina tigi mistharga fid-dawl tal-kodici kanoniku, izda jizdied ukoll li jekk issir insistenza ghad-dritt ta' nomina, dina giet abbolita fil-kodici kanoniku gdid'.*

*'Rigward id-domanda jekk il-kuntratt tat-28 ta' Frar 1977 kienx hemm elementi ta' simonija, ghandi nghid li Monsinjur Arcisqof qieghed jezamina dawn l-elementi u s'issa fuq l-elementi li jinsabu quddiemu huwa wasal ghall-konkluzjoni li l-bejgh jifforma parti minn bejgh ta' affarijiet akbar, jigifieri l-Knisja giet akkwistata bhala parti minn fond akbar u ghalhekk ma jidhirx li hemm xi akkwist ta' oggett jew realta` sagra b'termini ta' Canone 727 tal-Kodici l-antik vigenti fid-data tal-kuntratt'.*

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju li l-atturi huma l-proprjetarji tal-mobbli kollha li kienu jinsabu fil-kappella *de quo,* u dan stante li l-istess mobbli gew imhollija flimkien u bhala accessorji tal-kappella lill-legatarji konvenuti, li min-naha taghhom irrinunzjaw ghall-istess legat lilhom imholli permezz ta' testment ta' Carmelo Spiteri datat 11 ta' April 1990 (Dok. 'B') u tali rinunzja saret permezz ta' Nota prezentata fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili (Digriet Numru 1350/91) u li tinsab esebita bhala Dok. 'E ' a fol. 22 u 23 tal-process.

Illi dwar l-istess nota **Patri George Aquilina**, apparti li kkonferma l-istess dokumenti u li huwa kellu l-awtorita' kollha sabiex jaghmel tali dokument u rinunzja ghall-legat, jaccetta l-fatt li l-istess kappella kienet proprjeta' tad-*decujus* Carmelo Spiteri, tant li huwa jghid:-

*'Jiena nikkonferma illi Carmelo Spiteri halla b'legat il-Kappella in kwistjoni b'dak kollu li hemm fiha lit-Terz'Ordni*

*Frangiskan. Illi dak li hemm premess fic-citazzjoni ezattament premessa tac-citazzjoni huwa korrett'.*

Illi fis-seduta tat-28 ta' Gunju 1996 l-istess xhud rega' qal is-segwenti:-

*'S'intendi dina r-rinunzja kienet rinunzja totali ghall-legat shih jigifieri komprendenti anki l-beni immobbiljari u mobbiljarji'.*

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju, la fattwali u lanqas legali, u dan ukoll rikonoxxut b'sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 20 ta' Lulju 1984 fl-ismijiet **'Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara'** li l-atturi odjerni, anke bhala successuri fit-titolu tad-*decujus* Carmelo Spiteri, huma proprjetarji tal-istess oggetti, u dwar ir-ragunament legali ghall-istess, apparti d-dokumenti kollha esebiti f'din il-kawza, u fil-kawza l-ohra fl-ismijiet **'Vincent Ciliberti nomine vs Marianna Spiteri'** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2003), li juru b'mod inkonfondibbli li l-atturi huma proprjetarji tal-istess oggetti wkoll mobbli, l-istess legat irrivverta ghand l-eredi tal-istess *decujus,* li kif muri anke fid-decizjoni tal-lum stess fil-kawza fl-ismijiet **'Vincent Ciliberti nomine vs Marianna Spiteri et'** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2003 – Citaz. Numru 1791/2000/RCP), li ghaliha qed issir ukoll riferenza a skans ta' ripetizzjoni.

Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tal-kjamata fil-kawza dwar it-titolu tal-atturi ghall-istess oggetti li kienu fl-istess kappella u li huma indikati fid-Dokument 'D1' sa 'D6' tal-process qed jigu lkoll michuda, stante li l-atturi huma bla dubju proprjetarji esklussivi tal-istess mobbli, anke in vista tar-rinunzja tal-istess konvenuti tal-legat lilhom imholli, tant li l-istess legatarji dejjem irrikonoxxew lill-atturi bhala l-proprjetarji tal-istess; fil-fatt irrinunzjaw ghall-istess legat biss fuq struzzjonijiet tal-Kurja kif ix-xhieda moghtija minn Patri George Aquilina saggament turi, ghaliex altrimenti kienu lesti u disposti li jaccettaw l-istess legat li huma kienu gja hadu pussess effettiv tieghu.

Illi dwar l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza fejn isostni li qabel ma gie notifikat bic-citazzjoni odjerna, huwa qatt ma

gie mitlub li jikkonsenja l-imsemmija oggetti lil xi hadd u ghalhekk huwa m'ghandu jbaghti ebda spejjes, dawn ukoll ma jistaghux jigu accettati peress illi l-istess konvenut kjamat in kawza kien jaf, almenu mid-data tas-26 ta' Gunju, 1991 illi dawk l-oggetti ma kienux tieghu, tant li fl-imsemmija nota tal-istess data huwa kellu jikkonsenja l-istess oggetti lill-legatarji l-konvenuti l-ohra, li sussegwentement irrinunzjaw ghall-istess legat. Dan huwa addirittura rikonoxxut minnu fix-xhieda tieghu tad-9 ta' Jannar 1998 meta qal:-

*'Jiena nikkonferma illi kien hemm kawza fl-ismijiet* ***'Carmelo Alberto Spiteri et vs Joseph Deguara'*** *li giet transatta fil-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Gunju 1991 seduta stante. F'din it-transazzjoni jiena obbligajt ruhi illi nikkonsenja l-oggetti in kwistjoni lit-Terza Ordni Frangiskan. Jiena kont ikkonsenjajt xi oggetti minnhom izda l-lista a fol. 72 tal-process hija maghmula minn oggetti li jiena ma kontx ikkonsenjajt'.*

Illi dwar l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti, apparti l-fatt li bhala tali huma dejjem irrikonoxxew lill-atturi bhala proprjetarji tal-istess oggetti, anke meta hadu pussess tal-istess oggetti minghand il-kjamata fil-kawza, din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad iktar il-fuq dwar it-titolu tal-istess atturi, ppruvat bid-dokumenti kollha relattivi esebiti f'din il-kawza u fil-kawza gja citata istitwita mill-atturi fl-ismijiet **'Vincent Ciliberti *nomine vs.* Marianna Spiteri et'** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2003) u ghall-motivazzjoni u d-*decide* tal-istess sentenza hawn riferita tal-lum stess, u ghalhekk l-istess eccezzjonijiet kollha ghandhom jigu michuda.

Illi dwar l-eccezzjonijiet (1a) (1b) u (1c) tal-istess konvenuti moghtija *in linea preliminari* dawn ukoll qed jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, b'dik (1b) addirittura vessatorja, mentri ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni (1c) jidher li l-istess oggetti gew debitament denunzjati skond id-denunzji esebiti mill-atturi, tant li l-istess konvenuti lanqas ghamlu accenn ghall-istess eccezzjonijiet fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom prezentata f'din il-kawza.

Illi jibqa' ghalhekk l-eccezzjoni fejn il-konvenuti qed jghidu li huma ma ghadhomx fil-pussess tal-istess oggetti elenkati fil-lista 'D1' sa 'D6' indikati mill-atturi. Dwar dan jinghad li ghall-ewwel il-konvenuti tramite x-xhieda, anke hawn fuq citata ta' Patri George Aquilina, sostnew li l-oggetti kienu ghand l-istess legatarji, tant li huwa stess qal fis-seduta tal-25 ta' Novembru 1994 li:-

*'Nikkonferma illi l-oggetti mobbili skond id-dokumenti 'D1' sa 'D6' fil-process gew moghtija lil legatraji tal-mejjet Carmelo Spiteri u cjoe` l-konvenuti nomine u sussegwentement il-kawza Citazz. Numru 814/77/JF fl-ismijiet* ***'Carmelo Spiteri vs Joseph Deguara'*** *li giet ceduta fil-Qorti tal-Appell kif jinghad fl-istess premessa fis-26 ta' Gunju 1991'.*

Illi fis-seduta tat-28 ta' Gunju 1996 l-istess xhud qal:-

*'Qieghed nigi mistoqsi jekk l-oggetti mobbili ndikati fid-dokument 'D1' a fol. 16 tal-process u formanti parti minn dana l-legat gewx ritornati lill-atturi f'din il-kawza u jiena nirrispondi illi ahna, cioe` t-Terz Ordni li nirrapprezenta jiena, ma tajnihomlhomx'.*

*'Ahna ghalhekk minflok irritornajnihom lill-atturi bhala eredi ta' Carmelo Spiteri rritornajna dawn l-oggetti lill-Avukat taghna Dr. Paul Mallia bhala fiducjarju'.*

*'Issa d-difensur tal-attrici qed ifakkarni illi kien hemm kawza pendenti u qieghed niftakar illi konna naghmlu uzu biss tal-kappella meta kien ghadu haj Carmelo Spiteri mbaghad wara mewtu ahna bdejna jew ahjar hadna pussess ta' l-oggetti ndikati fid-Dokument 'D1' a fol. 16 tal-process. Ghandi nghid li jiena qed nirreferi ghall-oggetti ndikati fid-Dokumenti 'D1', Dok. 'D2', Dok. 'D3', u Dok. 'D4' u Dok.'D5'.*

Illi huwa veru li b'affidavit datat 23 ta' Settembru 1996 huwa jghid li l-istess konvenuti kellhom biss pussess ta' xi flus u oggetti ndikati fit-tielet (3) paragrafu mill-ahhar a fol. 62 tal-process, izda din il-Qorti ma tistax ma tinnotax l-inkonsistenza u l-kontradizzjonijiet fix-xhieda ta' dan ix-

xhud u fid-dikjarazzjonijiet kategorici li saru minnu *viva voce* biex imbaghad dawn inbiddlu bl-affidavit tieghu ghar-ragunijiet li ma jidhrux cari mill-process.

Illi ma dan kollu jigi kkunsidrat fl-isfond tal-fatt li l-kjamat fil-kawza wkoll ikkontradixxa lilu nnifsu f'xi bnadi fix-xhieda tieghu fosthom li huwa qal li ma kienx interpellat sabiex jikkonsenja l-istess oggetti li originarjament kienu ghandu u dan huwa wkoll inkredibbli fl-isfond tat-transazzjoni li saret mieghu fis-26 ta' Gunju 1991.

Illi minkejja dan l-istess kjamat fil-kawza qal li huwa baqghalu biss ghandu l-oggetti minnu esebiti a fol. 72 tal-process, u ghalhekk filwaqt li l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni dawn il-versjonijiet kontrastanti tal-konvenuti u tal-kjamat fil-kawza, tiddeciedi li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqughha fil-konfront tal-istess konvenut nomine u tal-kjamat fil-kawza, kwantu ghall-konvenuti fl-oggetti kollha ndikati fil-listi 'D1' sa 'D6' esebiti a fol. 16 sa fol. 21 tal-process, eccetto l-oggetti elenkati fid-dokument a fol. 72 tal-process li ghandhom jigu ritornati mill-kjamat il-kawza.

Illi dwar valur tal-oggetti in kwistjoni, l-ebda prova ma tezisti fil-process u lanqas ma ntalab lill-Qorti sabiex tqabbad xi perit tekniku f'dan is-sens, u ghalhekk din il-Qorti tinnomina lil Alfred Camenzuli sabiex fin-nuqqas *da parte* tal-konvenuti u l-kjamat fil-kawza li jirrittornaw l-istess oggetti jew parti minnhom fit-terminu lilhom perentorjament moghti, l-istess konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-istess valur tal-imsemmija oggetti mhux ritornati skond l-istess stima tal-perit tekniku hawn nominat.

Illi dwar l-eccezzjoni li l-konvenuti m'ghadhomx fil-pussess tal-istess oggetti li lilhom gew ikkonsenjati, din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda stante li jirrizulta li kull ma ghamlu l-istess konvenuti kien biss li l-istess oggetti tawhom lill-avukat ta' fiducja taghhom Dr. Paul Mallia, u ghalhekk l-istess oggetti wkoll ghadhom ghall-finijiet tal-ligi fil-pussess taghhom, u dan apparti l-fatt li huma kienu jafu, li la darba rrinunzjaw ghall-istess legat kellhom jirritornaw l-istess oggetti lill-atturi.

## V. KONKLUZJONI

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut nomine u tal-kjamat fil-kawza, **tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront kemm tal-istess konvenut nomine u l-kjamata fil-kawza** u dan fis-sens biss hawn deciz u b'dan illi :-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti mobbli kollha kif elenkati fid-dokument 'D1' – 'D6' hawn anness huma proprjeta` tal-atturi;

2. Tikkundanna fl-ewwel lok lill-konvenuti *nomine* sabiex jirritornaw u jaghtu lura lill-atturi fi zmien qasir u perentorju ta' wiehed u ghoxrin (21) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, l-oggetti kollha ndikati skond id-dokument 'D1' – 'D6' li jappartjenu lill-Knisja dedikata lis-Sinjura Sultana tal-Qalb Mqaddsa ta' Gesu maghrufa popolarment bhala Tas-Sinjura fi Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun, proprjeta` tal-atturi, *eccetto* mill-istess listi l-oggetti li jinsabu elenkati fid-dokument 'JD1' (fol.72) li l-kjamat fil-kawza ammetta li jinsabu fil-pussess tieghu, u ghalhekk fit-tieni lok tikkundanna min-naha tieghu lill-istess kjamat fil-kawza sabiex fl-istess terminu qasir u perentorju ta' wiehed u ghoxrin (21) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni jirritorna u jaghti lura lill-atturi l-istess oggetti kollha elenkati fl-istess Dok. 'JD 1' a fol. 72 tal-process.

3. Fin-nuqqas li l-konvenut *nomine* u/jew il-kjamata fil-kawza jirritornaw l-istess oggetti kollha jew parti minnhom skond kif gew ikkundannati rispettivament li jaghmlu skond it-tieni (2) talba tac-citazzjoni attrici hawn appena milqugha, tikkundanna lill-konvenuti *nomine* u lill-kjamat fil-kawza rispettivament sabiex ihallsu lill-atturi l-valur tal-oggetti li huma rispettivament u/jew kull wiehed minnhom jonqos li jirritorna skond kif gie appena deciz u kif elenkati fid-dokument 'D1-D6' ghar-rigward l-istess konvenut *nomine* bl-eccezzjoni dak li jinsab fil-lista Dok. 'JD1', u kif elenkat fid-dokument 'JD1' fir-rigward tal-kjamat fil-kawza,

liema valuri ghandhom jigu stabbiliti permezz ta' stima maghmula mill-espert tekniku Alfred Camenzuli, li qed jigi nominat ghal dan l-iskop a spejjez tal-kjamat fil-kawza u tal-konvenut *nomine*, liema stima ghandha tigi maghmula u mahlufa fir-registru ta' din il-Qorti mill-istess espert tekniku, fi zmien mija u ghoxrin (120) gurnata mill-lum, b'dan li l-konvenut *nomine* u/jew il-kjamata l-kawza qed jigu kkundannati sabiex ihallsu lill-atturi l-valur tal-oggetti li huma jonqsu li jirritornaw lill-atturi skond din id-decizjoni u dan skond l-istess valur li jigi stabbilit mill-istess perit tekniku fl-imsemmija stima hekk prezentata u mahlufa fir-registru u fl-atti ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tas-16 ta' April, 1993 kontra l-istess konvenut *nomine* u kjamat fil-kawza solidalment, inkluzi l-ispejjez tal-perit tekniku hawn nominat.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------